# TAGHRIF FUQ SAN GUZEPP.

## 1. MIN KIENU L-GENITURI TA' SAN GUZEPP?

Skont l-evangelu ta' San Mattew, missier il-qaddis taghna kien Gakobb (Mt 1:16). Skont il-vangelu ta' San Luqa, missieru kien Eli (Luqa 3:23).

Hemm diversi spjegazzjonijiet ghal din id-diffikulta', izda l-aktar wahda accettabbli hija li Gakobb u Eli kienu ahwa tar-rispett, ahwa mill-istess omm, izda missirijiet differenti.

Huwa propost li Eli kien mizzewweg izda miet qabel ma kellu tfal. Gakobb imbaghad ha lill-armla ta' huh Eli skont kif titlob il-ligi fid-Dewterenomju Kap 25 versi 5-6. U dan iz-zwieg gab lil Guzeppi bhala nisel.

5"Jekk aħwa jgħixu flimkien, u jmut wieħed minnhom, u ma jkollux tfal, il-mara tal-mejjet m'għandhiex tiżżewweġ barra l-familja lil xi ħadd barrani; ħatinha jersaq lejha, u jeħodha b'martu, u jaqdi dmiru ta' ħu żewġha li hu. 6U hekk jiġri li l-ewwel iben li tiled jieħu isem ħuh il-mejjet u hekk ma jitħassarx ismu minn Iżrael.

Ghaldaqstant dan jaghmel lil Gakobb il-missier biologiku ta' Guzeppi, imma Eli ikun il-missier legali.

Rigward min kienet omm San Guzepp, ma jezisti ebda taghrif la fl-Iskrittura u lanqas fit-tradizzjoni. Dak iz-zmien kemm taht il-ligi sekulari, kif ukoll religjuza kien nisel il-missier li kien meqjus ta' importanza u ghalhekk kien ippreservat.